VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,078, 26 ta' Ottubru, 2018
Taqsima B

A.L. 341 tal-2018

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti tal-2018 dwar Ċentri ta' *Childcare* (Sostituzzjoni ta' Entitajiet)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lill-Ministru responsabbli għall-Edukazzjoni permezz tal-artikolu 135 tal-Att dwar l-Edukazzjoni, lill-Ministru għall-Finanzi permezz tal-artikoli 14Ċ u 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, u lill-Ministru responsabbli għall-kummerċ permezz tal-artikolu 9(2) tal-Att li Jikkordina l-Ispezzjonijiet tal-Gvern, l-imsemmija Ministri konġuntement għamlu r-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2018 dwar Ċentri ta' *Childcare* (Sostituzzjoni ta' Entitajiet).

Jemenda r-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Faċilitajiet tat-Tfal ta' Matul il-Jum bħala Stabbilimenti Edukattivi. L.S. 327.323

2. Ir-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Faċilitajiet tat-Tfal ta' Matul il-Jum bħala Stabbilimenti Edukattivi għandhom jiġu emendati kif ġej:

(a) fir-regolament 2 tagħhom, it-tifsira "Dipartiment" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

" "entità" tfisser l-entità responsabbli għar-regolamentazzjoni ta' ċentri ta' *childcare*;" u

(b) minflok il-kelma "Dipartiment", kull fejn tinsab fl-imsemmija regolamenti, għandha tidħol il-kelma "entità".

Emendi konsegwenzjali għar-Regoli dwar Tnaqqis (Miżati dwar *Childcare*). L.S. 123.121

3. Ir-Regoli dwar Tnaqqis (Miżati dwar *Childcare*) għandhom jiġu emendati kif ġej:

(a) fil-paragrafu (b) tar-regola 2 tagħhom, minflok il-kliem "mid-Dipartiment *Standards* fil-Ħarsien Soċjali jew mid-Direttorat għal Kwalità u *Standards* fl-Edukazzjoni jew huwa servizz ipprovdut mill-Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi" għandhom jidħlu l-kliem "mill-entità responsabbli għar-regolamentazzjoni ta' ċentri ta' *childcare*"; u

(b) fir-regola 3 tagħhom, minflok il-kliem "Id-Dipartiment *Standards* fil-Ħarsien Soċjali, id-Direttorat għal Kwalità u *Standards* fl-Edukazzjoni u l-Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi għandhom jipprovdu" għandhom jidħlu l-

VERŻJONI ELETTRONIKA

kliem "entità responsabbli għar-regolamentazzjoni ta' ċentri ta' *childcare* għandha tipprovdi"; u minflok il-kliem "li għandhom fil-pussess tagħhom" għandhom jidħlu l-kliem "li għandha fil-pussess tagħha".

Emenda konsegwenzjali għall-Att li Jikkordina l-Ispezzjonijiet tal-Gvern. Kap. 568.

4. Fl-Iskeda li tinsab mal-Att li Jikkordina l-Ispezzjonijiet tal-Gvern, minflok il-kliem "Dipartiment għal *Standards* fil-Ħarsien Soċjali" għandhom jidħlu l-kliem "Entità responsabbli għar-regolamentazzjoni ta' Ċentri ta' *Childcare*".